# IL HABIB

Joħrog cull nhar ta tlieta, barra mil gimgħa il Cbira u il gimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieg iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma targa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb*.
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IT-30 TA DICEMBRU, 1913. NRU. 97.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## PRESEPJU CBIR

FIL CAŻIN TAL UNJONI CATTOLICA.

Il famus Presepju li is-Sur Canôncu Porsella chien jarma ħal Kormi, u li chienu imorru ħafna nies jaraŭħ, din is-sena sejjer jarmaħ għat-Tre-Re fil Palazz Caraffa (haŭn il Belt, Strada Forni, 94). Jiftaħ nhar il ħadd li gej u jista' jidħol jaraħ cull-ħadd.

Il Cumitat.

## Cliem tad-deheb.

XIII.

## Hakkna il għaċs ?

U daŭc, li iriduha ta *Ulied-San-Paŭl*, chif ŭiegbu għal dan il tŭiddib tal Aŭtorità tal Cnisja? Ŭiegbu, billi giebu ruħhom ta *ulied il moda mokżieża*, mogħtijin bir-ruħ u il gisem lil din ommhom. Cliem iebes ta nsulti nchiteb u mbagħat lill capijet il cbar tal Cnisja. Il piazez u it-triekat compleŭ jinżegħdu bin-nisa mlibbsin bil libsa tal Infern. B'di 'l libsa ŭaħxija issuctaŭ jidħlu ġo il Cnisja. Ħalli iħanbku minn fuk il pûlptu u minn fuk l'artal il Cappillani, ħalli iŭissu u iŭiddbu il Confessuri. Ir-risposta hi ŭaħda. *Hecc tati il moda*. Għal daŭc il chelmiet tal Iskof, li fihom heddet li iċaħħad mil Krar u mit-Tkarbin il min jersak b'dic ix-xorta ta lbies, f'xi uħud mil Cnejjes, bedgħu imorru 'r-rgiel, min jokgħod ma genb martu, min ma genb bintu, xħin, bil kagħda u il ħarsa taħhom, donnhom iridu juru li huma lesti għal xi rambaġġ, jecc xi ħadd minn tal Cnisja jaħbat jitniffes.

—« Gejtu għalija, bħalli chiecu gejtu biex takbdu lil xi ħalliel-kattiel, armati bis-sjuf u bil bsaten. »— Daŭn il chelmiet kal, b'dic il ħleŭŭa ta fommu, Gesù lil daŭc il ktajja ta sbirri u ta nies għedeŭŭa tiegħu, li f'dic il lejla marru isibuħ hemm fl'Ort tal Getsemani, biex, għal beŭsa nfami ta Ġuda it-traditur, jakbduħ taħt idejhom, u, mgħobbi bil ctajjen, marbut bil ħbula, fost it-tgħajjir u is-sŭat, iŭaddbuħ lejn it-Tribunal għall cundanna tal kattiela, u fuk il Calvarju għall meŭt tas-salib. Gesù lil daŭn il ħżiena kalilhom daŭn il chelmiet, u, bla xejn ma tniffes, ħallihom jagħmlu biħ li iridu.

F'din ix-xena tal Getsemani ifaccruna ix-xeni li f'dan iż-żmien kiegħdin isiru geŭŭa il Cnejjes.

Għaliex da 'l biża ? Għal fejn daŭn il għases, ŭara it-theddida tal Cap tal Cnisja ? Il kaŭŭa tal Cnisja ma tinsabx f'li sŭar u fil canuni, ankas mis-setgħa tal Ministri taħħa ma ticconsisti fid-dakkiet ta bsaten u tal ponnijet. Is-setgħa, il kaŭŭa tal Cnisja u tal Ministri taħħa tinsab f'dac, li hemm fil Getsemani, f'dic il lejla li semmejna, b'chelma li kal, ġagħal jinstabtu, għal darba, tnejn, tlieta, lil daŭc il ktajja ta għedeŭŭa, li chienu hemm marru, biex ixattbuħ għall meŭt. Sata' Gesù, chiecu ried, iħallihom hemm imsabbta mejjtin mal art ; iżda, le ; ġagħilhom, ta cull darba, ikumu, u sa flaħħar, ħallihom jakbduħ taħt idejhom, jorbtuħ, u fost iż-żebliħ jieħduħ kuddiem it-tribunali, xħin kalilhom daŭn il chelmiet: «Din hi is-siegħa li intom u id-demonju, li bicom kiegħed jinkeda, tagħmlu li tridu.» Iva, din siegħetcom, ja rsiera tal moda il mokżieża; is-siegħa tagħcom u ta missiercom id-demonju, li mokdi ŭisk tajjeb mincom, kiegħed jagħmel chemm irid ħsarat fl'eruieħ. Imma, araŭ taħsbu li għax ma issibux lil min isabbtilcom f'ŭiċċcom il bieb tal cnisja, għax ma issibux lil min ikabbiżcom il barra minn geŭŭa id-Dar t'Alla, li hi id-dar tal orazioni u tal kdusija, intom, għalhecc, tistgħu tokogħdu bil cunxienza qŭieta. Araŭ taħsbu li għalicom tbiddlet il Ligi t'Alla, jeŭ li il killa tal Ġustizja tiegħu, għax tibża' mincom, sejjra tnIżżel u iddaħħal geŭŭa il għant ix-xjabla, ġà fukcom merfugħa, tal castighi taħħa.

(*Jissocta*) S.A.S.

## IL FARFETT-IL-LEJL HABIB TAL BNIEDEM.

Ma haŭnx min ma jafx li fost l-annimali hemm ŭħud ħbieb u oħrajn egħdeŭŭa tal bniedem: irrid ingħejd, ŭħud li jisŭeŭlu, oħrajn li jagħmlulu id-deni, seŭŭa f'gismu chemm ucoll fi ħŭejjġu. Fost daŭn l-egħdeŭŭa nsemmu il ġurdien, li illum nafu li jxerred il pesta bil briegħed li jitniġġzu minnu u jniġġzu il bniedem billi jlakkmulu iż-żerriegħa ta dic il marda chiefra.

Insemmu ŭcoll id-dubbien li jxerred barra, minn mardijet oħra, id-deni *tifu*, il *colèra* u'l mard tal għajnejn, billi jniggeż l-ilma jeŭ il ħalib, jeŭ il ħŭejjeġ tal ichel.

Iżda l-icbar għadu tal bniedem hu in-nemus, li jxerred il *malaria*, il *febbre-gialla* (deni isfar) u bosta mard ieħor u jekred eluf cbar ta nies, l-actar fl-artijet tas-sħana. U li Alla l-imbierec fil għerf bla tarf tiegħu ma ħalakx annimali li jgħinu il bniedem billi jekerdulu l-egħdeŭŭa tiegħu, chiecu sal-ħum il bniedem inkered għal collox minn ŭiċċ l-art.

Fost daŭn il ħbieb tal bniedem għal-lum insemmu biss il farfett-il-lejl. Da'l farfett icreh, donnu ġurdien, jradda l-ŭliedu u jgħammar fil għerien, fix-xkuk tal blat u fi bnadi oħra mudlamin. Joħrog jittajjar ma nżul ix-xemx, u jirgħa fejn jsib l-ilma kiegħed. Jiecol nemus biss; u billi in-nemus joħrog ucoll mill-ilma kiegħed, actarx ma nżul ix-xemx ucoll, u il farfett jiġri fit-tajran actar mil ħuttaf, għandu ħabta jakbad nemus chemm jrid. Xi għorrief sabu li farfett ŭieħed jiecol ma dŭar il ħames mitt nemusa cull jum. Meta ŭieħed jaħseb x'deni jistgħu jagħmlu ħames mitt nemusa fejn jcun hemm mard minn dac li huma jxerrdu iż-żerriegħa tiegħu, jista jifhem ta liema għajnuna hu farfett ŭieħed għall bniedem blli jeħilsu minn eluf cbar ta għdeŭŭa cull sena.

Is-Sur Ġużè Despott, Direttur tal Mużeŭ ta li Storia Naturali fl-Università, jgħarrafni li għandna haŭn Malta b'collox ħames xorta ta friefet-il-lejl. Hemm ŭieħed ibbalżmat fil Mużeŭ tal Università bi ġŭienħajh miftuħa tŭal tliet ixbar. Gebuħ mill Asia. Ta Malta, għad li ma humiex daks ŭieħed, collha żgħar. F'Għar Dalam, krib Birżebbuġa, sa ftit ilu, chien hemm minnhom il mijiet. Il Mosta fi ġnien, ma nżul ix-xemx culljum fil ħarifa jingemgħu mijiet ta friefet-il-lejl jittajjru għal xi nofs siegħa, jduru ma dŭar vasca cbira tal ħut tal ilma ħelu, u jieclu in-nemus collu li dac il ħin joħroġ mill-ilma. Għalhecc dic in-naħa nemus tara ftit li xejn.

Fl'*Illustrazione Italiana* tas-sebgħa ta Dicembru li aħna fih, hemm articlu sabiħ tad-Duttur Cesalpino, fejn jgħarraf li fl'America kiegħdin jekerdu il malaria bil friefet-il-lejl. Fejn hemm l-agħdajjar u l-ilma kiegħed għamlu bħal cmâmar żgħar tal għuda mŭakkfin fil għoli fuk arbli ta sitt metri tul (daks għoxrin pied), li fihom xakk dejjak chemm jista' jgħaddi minnu farfett-il-lejl. Il friefet jgħammru f'daŭn il cmamar, u fil għaxija joħorġu jittajjru, jieclu chemm nemus jsibu, u b'hecc għoddhom katgħu għal collox id-deni minn daŭc l-inħâŭi. Il ħmieġ tagħhom jiġbruh u jbegħuħ bħal bżar għar-raba.

Fuk il gid u deni li jagħmlu x'uħud mill-annimali lill bniedmin hemm mnejn ticteb cotba sħaħ. Illum tħajjart nicteb daŭn il chelmtejn ŭara li krajt l-articlu tal *Illustrazione Italiana*, għaliex deherli li jistgħu jcunu ta gid billi min jakrahom jcun jista' jgħallem it-tfal chemm deni jagħmlu meta jekerdu għal xejn b'xejn l-annimali li jisŭeŭ għall gid tal bniedmin.

Nixtiek li il għorrief Maltin li studiaŭ l-Istoria Naturali, bħal ma huma il Professur Ciccu Debono, il Continu Alfredu Carŭana Gatto, it-tabib Ġanni Borg, it-tabib Ġanni Gulia u is-sur Ġużè Despott, jictbu bil Malti għat-tagħlim tal pôplu fuk dassuggett hecc sabiħ tal ħbieb u l-egħdeŭŭa tal bniedmin fost l-annimali. Jitħajjru ? Il *Habib* jilka' il chitba tagħhom f'dirgħajh miftuħa.

N. Tagliaferro.

għad-dehra ta nhar it-*Tre-Re* iż-żeŭġ *Ġrajjet* li għandna f'idejna— dic tar-Reverendu Dun Ġusepp Farrugia u l'oħra li ŭaslitilna issa— biex, flimchien mar-Rumanz li kiegħed tant jogħġob, ngħakkdu biħom li *strina* tagħna. Tas-seŭ li huma it-tnejn *Ġrajjet* ta sŭied il kalb: imma huma ucoll *Ġrajjet ta pajjiżna* : u il fakar li ifissru huma ma hu xejn ħdejn il fakar li għażel għaliħ il Bdiedem Alla.

— L'ittra li gietna minn ħal Luka fuk l'abbużi li kiegħdin isirŭ fl'użin tal patata u ħŭejjeġ oħra, tgħid chelma b'chelma dac li conna gibna fil *Ħabib*, għad li ilu, fuk dic il biċċa ; u għal hecc ma jidhrilniex li għandna ntennu li stess ħaġa. Imma, la baka' sejjer dac l'abbuż icraħ, li minn għalina chien spiċċa, narġgħu naraŭ nsibux aħna triek oħra.

— ☞ Akraŭ l'aħbar migjuba f'eŭŭel faċċata fuk il Presepju li sejjer jintrama fil ġranet tat-*Tre Re*. Mita dac il Presepju chien ħadmu l'eŭŭel darba il Cavalier Tonin Muscat Fenech, Alla jatiħ il Genna, sa l'Iskof u il Gvernatur chiem marru jaraŭħ ħal Kormi; u, imbagħd, mita ndaħal għaliħ ucoll il Canôncu Porsella, chien raġa chiber u sbieħ actar. Issa, mela, li sejjer isir geŭŭa il Belt u b'dic il cumdità li fiħ il Palazz Caraffa, min sejjer jibka' li ma jigix jaraħ!... Cull ħadd jaf il Cumitat tal *Unjoni Cattolica* chemm kiegħed jagħmel għall Poplu u chif jilka' il min imur iżuru fil festi li kiegħed jati ŭaħda f'ŭaħda.

—La aħna f'dan id-discors, irridu ngħidu chemm irnexxeŭ il *Bażar* u l' *Accademja* li għamel fis-sŭali tal *Unjoni Cattolica*, fil 21 u fit-22 ta dan ix-xahar li *Stitut ta San Ġacbu*, taħt id-direzzjoni tar-Reverendu Canôncu Dun Carm Xchembri u bil għajnuna tas-*Società tad-Dami Maltin*. Chemm haŭn Cbarat Maltin, nisa u irġiel, ingemgħu għal darba tnejn f'daŭc is-sŭali: u mad-divertiment l'actar onest għakkkdu il carità taħhom, billi xtraŭ ir-rigali ta cull xorta li chienu mogħtijin lil dac li *Stitut* biex jinbiegħu għaliħ. Il Marchisa Testaferrata-Apap, Lady Frendo-Azopardi, is-Sinjurina Anjese Schembri u Dami oħra bħal daŭn għamluha ta bejjegħa: u fost ix-xerrejja chien hemm sa 'l mara tal Armirall Troubridge, li m'hix Cattolica. Din is-Sinjura ħadet sehem ucoll fl'Accademja, fejn cantaŭ u dakkeŭ l'aħjar dilettanti ta Malta, u cantat biċtejn, accumpanjata fuk il pjanu mid-Direttur tat-Teatru Rjal, il Cavalier Golisciani. L' orchestra *Patria*, diretta mis-Sur Paŭl Falzun, P.L., tât gost lil cull ħadd; u ma satax jonkos, mita hi mgħakkda minn Tobba, Avucati, Fizzjali u Sinjuri oħra li jissejjħu *Dilettanti* għax ma jagħmluħx għall klieħ, imma fil ħila jistgħu jissejjħu Professuri. Collox mar tajjeb ferm u li *Stitut ta San Ġacbu*, barra li ħa għajnuna cbira, ŭira chemm hu migjub mill'akŭa nies tal Belt. Nifirħu lid-Direttur tiegħu, l'imħabbar Canôncu Schembri, u lil daŭc collha li ħadmu miegħu bid-dehen u bil ħrara biex tirnexxi din il festa sabiħa.

—Fuk il festa li saret hemm l'għada mill'*Amateurs*, b'recitar, cant u dakk mill'isbaħ, tchellem VERAX—Sacerdot mil ogħla li haŭn Malta; u aħna ma nżidux chelma oħra fuku.

—Nizżu-ħajr lis-Sinjuri Alfredu Carbone u Giovanni Dingli taż-żeŭġ Almanacchi sbieħ li bagħtulna, il ŭieħed tan-*Northern Assurance Company* u l' ieħor tal librerija *The Coronation*: u ngħidu bil kalb collha li daŭn iż-żeŭġ Almanacchi, barra mil finizza tax-xogħol u il gost tas-sengħa, huma maħsubin b'onestà cbira, ħaġa li turi is-serietà tad-Djar li kassmuhom u li għal hecc aħna inħossu id-dmir li nirriccmandaŭhom.

—Biex ma natux x'igħidu lil daŭc li iridu ideffsu il *Polîtca* f'collox u biex nuru ucoll li m'aħniex chif jaħsbuna daŭc li ichejjlu l'oħrajn b'xibirhom, mill' eŭŭel tas-sena il-kuddiem nagħmlu tisŭija jeŭ taħsira ( sejjħulha chif jogħġobcom) *fl'ortografija* tagħna: il cliem taljan collu, mita m' hux tant imdaŭŭar li sar malti għal-collox, inħalluħ mictub bl'*ortografija* taljana.

—Inkalgħet qŭistjoni bejn il *Chronicle* u bejn il *Malta* fuk il biċċa tat-tisŭijet ta *San Ġŭann*. Ŭieħed chiteb fil *Malta* li din il biċċa tkanklet mil *Chronicle* biex jisserva biha il Gvern, li jixtiek jagħlak il *San Ġŭann* għal-collox, b'li scuża li it-tisŭijet icunu kâmu flejjes cbar, u iħalliħ *bħal Mużeŭ*, biex jaraŭħ u igaŭduħ l'Inglizi biss. Issa, billi aħna ħadna sehem f' dic il lakgħa tax-xirca *Scientifico-Storica* li kanklet din il biċċa, chif ħabbarna fil *Ħabib*, u billi conna ucoll minn daŭc li tchellmu fuk innukkas tal cont tal Gvern, inħossu il bżonn li nipprotestaŭ-ruħna għal dac li imiss lilna, għax fi klub l'oħrajn ma nafux x' hemm miżruħ. Mela, li il Gvern ilu bix-xeŭka li jagħlak il *San Ġŭann* għal-collox naħsbu li hu minnu, għax nafu b'taħdita bejn Monsinjur ħabib tagħna u Reverendu protestant li ħassbitna ŭisk ħażin u mil bkija din ix-xniegħa ilha tiġri: imma li f'dic il lakgħa ix-*Xirca* tagħna chellha il ħsieb tgħin il Gvern f'dic ix-xeŭka m'hux minnu. Ħadu sehem f'dic il lakgħa ħafna irgiel li ħadd ma jista' igħid akkal mill'isem taħħom u li ma hemm ebda borża flus u ebda katta żigarelli capaci biex jixtruhom. Minn għalina, ngħidu biss li, fis-sena 1890, jigifieri 23 sena ilu, mita ħadd ma chien joħlom b'din il qŭistjoni, tchellimna fil Cunsill fuk chif jistgħu jitgħatteŭ biż-żgieġ il kobra ta *San Ġŭann* biex ma tiġrilhom ebda ħsara bil mixi fukhom; u gibna l'eżempju tal Catidral ta Siena, li m'hix *mużeŭ*, imma l'actar Cnisja mexxejja ta dic il belt. Fuk din il biċċa għad narġgħu nitchellmu, għax ma rridux tokol bħal dan fuk spallejna.

—Min ma jafux is-Sur Johnnie (*Ġoni*) Camilleri? Dac li chien jirrecita ta *Brillant* fil Cumpanija imsejjħa *L'Indipendenza*? ... Telak minn haŭn (għax, mgħobbi bil familja, ma satax icompli iżjed bla mpieg tajjeb); u issa jinsab Londra, fejn, f'teatru mill'aħjar u ma cumpanija gŭappa, kiegħed jirrecita cull jum, b'cuntratt għal sena sħiħa. Il gażetti ta Londra ifaħħruħ ŭisk u nistgħu ngħidu li sâb xortiħ. *His is a masterly performance* (*ir-recitar tiegħu ta Mgħallem*), kalet ŭaħda mil gażetti ingliżi; u oħra compliet fukha: *Mr. John Camilleri is admirable* (*ta min jistgħageb biħ*). Chemm hu minnu li il Malti cull fejn imorru jagħmlu figura sabiħa ! U fil ŭakt li iseŭŭu xturhom, iroddu gieħ cbir lill pajjiżhom!

—Conna ngibu bil kalb collha l'articlu ta *L'Active*, għad li tŭil ŭisk għalina, chiecu ma talabniex biex ma noħorġuħx bil vera firma tiegħu. Għandu raġun biex ibieħ: imma certi articuli bla firma ma jagħmlux l'effett taħħom.

## Minn gimgħa għal oħra.

*18 ta Dicembru*—Il pajjis ma jistax iżjed icompli mingħajr valiġġja ta colljum u mingħajr President tal Ko ti; għalhecc seŭŭa il Camra tal Cummerċ u seŭŭa l'oħra tal Avucati fil ġranet li għaddeŭ għamlu lakgħa, dic tal Cummerċ il Borsa u dic tal Avucati il Korti, u katgħu li jictbu lil Gvern biex ifittex jaħseb għal ŭaħda u għal ieħor. L'Avucati u'l Procuraturi Legali li saru l'aħħar ma jistgħux iservu, u bosta caŭsi huma ŭekfin; u dan għaliex? għax jonkos li President, li mingħajru u la daŭc ma jistgħu jeħdu il ġurament biex iservu u la daŭn ma jistgħu jitcompleŭ. Dan jokros il but ta ħafna. Lil Camra tal Avucati il Gvern actarx iŭiegeb chif kabel lil Avucati il ġodda: li hu kiegħed jgħaggel jiftaħ il Consill, ħalli ibiddel xi ħaġa mil ligi u b'hecc hu icun jista jin nomina Agent President. Mela President m' hux beħsiebu jagħmel għal issa, imma ŭieħed li jilħak flocu id-dmirijet ta President mingħajr ma hu icun President. Il Camra tal Cummerċ bagħtet *deputazjoni* għand il Gvernatur. Dan lakagħhom tajjeb ħafna u kallhom: li il Gvern chien kiegħed jittratta, imma hu ma jistax igħidilhom xejn fukhecc; u li il Gvern, jecc isib min jakdiħ tajjeb, hu iħallsu tajjeb, la darba illum il Caxxa tiflaħ, imma ma iridx iħallas tajjeb għal servizz mgħarrak.

*20 ta Dicembru*. Mħabba in-numru cbir ta daŭc li chellhom *jordnaŭ* dis-sena l'*ordinazjoni* saret f' darbtejn, fl'erbátax ta dan u illum, u għamilha id-darbtejn Mons. Portelli. B'collox ordnaŭ tliet *Sacerdoti*, disa'*Djaconi*, minnhom sebgħa Patrijet, u tlieta u tletin *Suddjaconi*, fosthom erbgħa Patrijet. Nifirfirħulhom b'kalbna collha, għax il biċċa il cbira tagħhom chienu taħtna fi ċcunithom.

—Il *Fiera* u 'l *Concert*, li saru ilbieraħ u 'llum fil Palazz Caraffa għat-tfal ta San Ġacbu, ma satgħux imorru aħjar; u hecc chien jisthokkilhom id-*Direttur* u l' *Operari* ta dan l'*Istitut*, li iħabircu u jaħdmu actar milli jifilħu biex imexxuh u jgħadduh dejjem actar il kuddiem. Fil *Concert* ħadet sehem sa s-Sinjura tal Armirall u magħha ħafna nies mil aħjar. Id-Dami tal Cumitat ħakkhom coll tifħir talli għarfu jgħakkdu da 'l *Concert*, seŭŭa għan-nies li ħadu sehem fiħ, u seŭŭa għal Programm. Biss, daŭc li chien imisshom l'actar jiġu, għax għandhom iddejn lejn dac l'Istitut, u liema dejn ! daŭc l'ankas li geŭ. Mela ma jafux li l'Istitut ta San Ġacbu irid actar minn ħamsa u sebgħin lira fis-sena, li iridu jiġu collha mil ġbir, għax renti ŭisk ħŭejjeġ żgħar għandu ? Imma nizżuħajr l'Alla il flus niżlu bħax-xita, u dan chien ta faraġ għal kalb id-Direttur, li chienet mŭaġġgħa għal imgieba ta daŭc li semmejna kabel.

*23 ta Dicembru.* Jingħad li bejn il ħmistax ta Jannar u's-sebgħa ta Marzu tas-sena il ġdida għandhom jgħaddu minn haŭn tliet vapuri mil gŭappi bil *passiggieri*. Tnejn minnhom gejjin minn *New-York*, fl' America. B'hecc is-sena tibda tajjeb, u ma tulha jitħajjru oħrajn jiġu iżuruna, għax coss, chif kal seŭŭa is-Sur B. F. Bellanti fil ctieb li ħareġ « Malta kadima », li imissu jixtrieħ u jakrah cull Malti li iħobb tasseŭ art ŭielidu: «... f'id-dinja aħna ma għandniex għall fejn ngħoddu ruħna ankas minn ħaddieħor... Il Malti mill ekdem nies li daŭn in-naħiet l'eŭŭel tħarrġu fid-dinja ... » U la darba giet ix xokka f' moxtha, jidhrilna li ncunu nonksu lejn is-Sur Bellanti, jecc ma nifirħulux bil ctieb tiegħu, li ma nokogħdux nfaħħruħ, għax cliemna ma icun katt biżżejjed biex nuru il ġmiel tiegħu Fost il cotba bil malti hu minn tal eŭŭel u xejn ma fiħ li jagħmillu għajb, barra mil *ortografija*, li trid dakka ta lima l'haŭn u l'hinn.

*24 ta Dicembru.* Jingħad li f'Jannar li gej ħames bcejjeċ tal gŭerra mil akŭa li għandha l'Inghilterra għandhom iżuru il port tagħna; jissemmeŭ daŭn: *King George V*, *Centurion*, *Conqueror*, *Audacius*, *Boadicea*.

— Ilbieraħ il Gvernatur ta pranzu il Palazz; fost il mistednin chien hemm l'Iskof Pace bil Vigarju.

— Id-*Devonshire* fis-sittax tad-diehel għandha titlak minn *Devonport* għal haūn biex tidhol il bacir.

IL HABBÀR.

## Chitbulna:—

Nhar San Stiefnu.

Sur Ġużè,

Int li ilec snin cbar tippriedca fid-desert fuk chemm nokogħdu hażin fil Cnisja, ma tistax ma iggiblix fil *Habib* dan li sejjer nictiblec.

Għal fejn isiru il Qūaranturi?—Biex nadurañ il Gesù Sagramentat, espost b'solennità cbira fuk l'Artal Maġġjur tal Cnisja.—U chif għandna nadurañ is-Santissimu Sagrament, dejjem, imma ūisk actar fil Qūaranturi?—Għar-rcopptejna fl'art, b'ġabra u sicta cbira!—U chif jadurañh daż-żmien in-nisa, cbar u żgħar, puliti u baxxi, bil cappellini u bil għonienel, ommijet fl'ahjar tahhom, xebbiet ibiegħu is-sahha, tfajliet għadhom chemm tfarfru?—Bil-kiegħda, f'nofs il Cnisja, donnhom geūūa cażin!—Għarucaża għalihom! Scandlu cbir! Għidtu inti, Sur Ġużè, l'ahhar darba; u illum intennih jena: inkas il Papa ma jista' jokgħod bil-kiegħda kuddiem is-Sagrament espost għall'adurazzjoni tal Qūaranturi. Arañ is-Sacerdoti geūūa il Côr, li, għalchemm ūara l'Artal, mhux kuddiemu, ūakt il Kuddiesa cantata bis-Santissimu espost, ma jokogħdu katt bil-kiegħda, inkas jecc tcun bil mużica u iddum siegħa shiha. Arañ dac stess li ikaddes cantat u il ministri tiegħu: fil *Kyrie*, fil *Gloria* u fil *Credu* jokogħdu bil-kiegħda: iżda, mita icun espost, le: katt, katt u katt!—Għal fejn jitkiegħed dac il velu kuddiem is-Sagrament ūakt xi priedca, biex il poplu jista' jokgħod bil-kiegħda, jecc il poplu icun bil-kiegħda il hin collu, bi scandlu cbir tal *insara seūūa?*... Iva, tal *insara seūūa*, għax dañc li jatu li scandlu bil kagħad bil-kiegħda f'nofs il cnisja kuddiem is-Santissimu espost għall'adurazzjoni, le, le, le: m'humiex *insara seūūa!*— Iżda it-tort collu tahhom?... Le: ma għandhomx hlief biċċa żgħira minn dic il htija! Il biċċa il cbira hi ta dañc li għandhom id-dmir li igħallmuhom, iċiddbuhom, iċanfruhom; u minn dan collu ma jagħmlu xejn! Ahjar inehhu il Qūaranturi mill'eūūel, li ma iridux jistenbhu!

Collni tiegħec sal meūt,

D. G. G.

Mil LUCERNA TAL HAJJA.— 86. Għal dehra ta Anġlu beżgħet Marija: x'icun, mela, għad-dehra t'Alla f'meūtna?....

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

*Gjulja u Enrico* (Il Migħnuna) u *Tlieta foloz u ūiehed lè* (L'erba' Riccardi).

Min ma jafhomx dan id-Dramm ta A. Adam u din il Cummiedja ta C. Camilleri, li għamlet nhar il Hadd, 14 ta dicembru, f'li msemmi Teatrin il Cumpanija «*La Concordia* ?» It-tnejn huma kodma, iżda sbieh, anzi mill'isbah, u difatti il hafna nies li chien hemm nhar il Hadd fl'Unjoni Cattolica hadu piacir ūisk u ureūh bl'applaūsi. Natu prosit ahna ucoll lill'Atturi, cioè lis-Sinjuri: Cumbo (*Ġulja*) Argento (*Edoardo*) G. Dimech (*Achille*) Camilleri (*Enrico*) Xicluna (*Adolfo*) u C. Cremona (*Pietro*) li quasi collha chellhom parti fil Cummiedja, barra mis-Sur Mercieca li deher biss f'din fil parti ta *Baldassere*, li għamel chif jaf hu, dejjem tajjeb. F'collox marru seūūa, u chienu imorru ahjar chiecu xi uhud minnhom chienu jokogħdu iżjed attenti għall lbies u għad-diportamenti tahhom, scond ma titlob ix-xena, il loc, il persuna li tcun u li tmur għandha.

Natu prosit ucoll lill'Orchestra *San Giuseppe* talli dakket bejn l'atti bċejjeċ tas-seū sbieh u uriet li li studenti tahha kiegħdin jagħmlu progress f'dan iċ-Circlu taht il bravu Professur Bascetta.

***

« LES AMATEURS »

Dina il Cumpanija ta hafna gjoventur studenti u xi uhud minnhom diġà bil professjoni tahhom, li verament jiddilettañ tajjeb bir-rappresentazzjonijet bit-Taljan, specjalment is-Segretarju tahhom, li hu is-Sur Ivo Muscat-Azzopardi P.L., bin il habriechi Direttur tal *Habib*, tât rappresentazzjoni bit-Taljan, nhar it-Tlieta, 23 ta Dicembru, kuddiem hafna mill'ahjar persuni tal belt, f'li msemmi *Circulu*. Il bċejjeċ chienu *La Veglia* u *Fatalità*— żeūġ bozzetti verament sbieh; u *I Denari per la Laurea*, farsa helūa tas-seū. L'atturi marru collha tajjeb: iżda l'ahjar chienu is-Sur Ivo Muscat-Azzopardi, is-Sur C. Izzo, is-Sur V. Borg-Coster u is-Sur I. L. Pace, li chellhom il partijet principali; u fil Farsa għoġobna hafna ucoll is-Sur Victor Trapani.

Għallum biż-żejjed: darb'ohra nisperañ li icollna f'hiex u biex nitchellmu iżjed.

***

« LA CONCORDIA »

Dina il Cumpanija tât, nhar il Milied, kuddiem hafna nies is-sabih Dramm « *Lupu tal Bahar* » (VAN-BRUST) ta A. Cumbo.

Billi tchellimna ġà darb'ohra fuk dan id-Dramm, għaliex chien sar fis-serata tas-Sur A. Argento u chien sâr xi haġa ahjar, ma nagħmlux illum hlief natu *prosit* in generali lil cull-hadd u inūiddbu lill'Atturi collha illi, mita xi Dramm, bhal *Van-Brust*, jigi ripetut f'li stess post, cullhadd bir-raġun jistenna li għandu jarah ahjar.

VERAX.

## Ma dûar id-dinja.

*Inghilterra*—Mitejn impiegati fil posta ta Glasgow ixxoperañ, għaliex iridu iż-żieda.

Ir-Regina żaret l'esposizzjoni ta xogħlijet tal bizzilli ta li scola tal Gvern f'Londra u minn hemm xtrat żeūġ imhaddiet tal bizzilla.

—Mr. Churchil, ministru tal Marina, mar Parigi sabiex jara il progress fit-titjir: żar l'aerodrome f'Bue, mnejn ra fuk l'erbgħin areoplan militari itiru flimchien: bosta mill'ufficjali ingliżi, li chienu jaccompanjañh, ittajjru huma ucoll.

—Ġranet ilu kabdet is-semafore ta Portsmouth: żeūġ sinjalaturi li chienu bakgħu l'ura sabiex jatu is-sinjal tal periclu, qūasi sgur bakgħu vittimi tan-nar: grañ disgrazzi ohra.

It-tanchijet, li fihom elf tunnellata, huma mahsusa. Id-danni huma stmati nofs miljun Liri Sterlini.

*Serk misjub*— Il qūadru tal *Gioconda* li ūara tant żmien ta tfittxija, chif għedna il gimgħa li harġet, insab f'Firenze, giè b'solennità cbira icconsenjat lill'Ambaxxatur franciż f'Ruma: 500 student taljan sejjrin Parigi fil 5 ta jannar sabiex jassistu għall festi, li l'għakda franciża-taljana kiegħda tlesti għal meta jasal hemm il qūadru tal *Gioconda*.

*Montenegru*—Ir-Regina Milena tal Montenegru tinsab marida gravement.

*Ruma*—Il funerali tal Cardinal Rampolla, li tiegħu il gimgħa li għaddiet habbarna il meūt, irnexxeū chemm cbar u imponenti setgħu icunu. Hu giè ittrasportat f'*S. Pietru*: assisteū il Cardinali collha presenti f'Ruma, il Gran Mastru ta Malta bil Cunsill, l'Ambaxxaturi esteri, u numru cbir ta Iskfijet u ta Prelati. Il caḍavru imbgħad giè midfun fil kobra tal Capitlu ta San Pietru, fiċ-Cimiteru ta Campo Verano. Jintgħad li it-testment tiegħu u bosta documenti politici, geū fil confużjoni misruka.

Hamsa u hamsin huma issa il Cardinali hajjin—30 taljani u 25 minn pajjiżi ohra—fost it-taljani hemm daks hamsa morda u għomja, u għal dakstant hemm biża li, chiecu imut illum, Alla hares katt, il Papa, jista' jigi magħżul Papa frustier, chif in hi ix-xeūka tal Cardinali frustieri, għaliex, jecc jingħakdu huma, tcun tista' tirranġa il qūestjoni mal Gvern taljan.

*Menelik*—Meta fin-numru tal gimgħa li harget habbarna il meūt ta Menelik, Imperatur tal Abbissinja, għedna li nibżgħu li l'ahbar ma chienetx tas-seū, għaliex bosta drabi chienu katluh – iżda din id-darba giet iccunfermata ufficjalment.

*Messicu*—Il hūejjeġ kiegħdin jithaūūdu mil ġdid—ir-rivoluzzjunari reġgħu tkattgħu mal ohrajn. Il Gvern american bagħat cannuniera sabiex theddidhom.

*Disgrazzi*—Ma dūar Madrid inkalbet aūtomobbli, li fukha chienu jinsabu bosta nies aristocratici. Ūiehed baka' mejjet u erbgħa feruti għall meūt.

Hdejn Saint Alban it-tajjàr Robertu Slak chien imexxi aūtomobili, li f'liūja ta cantuniera inkalbet: hu baka' mejjet u tlieta li chienu miegħu, fosthom żeūġ inglizi, ġralhom ūisk hūejjeġ żgħar.

F'Calumot-Michigan mietu 80 ruh actarx tfal. Fil ūakt ta divertiment ta *Christmas Tree*, fil Milied, xi hadd nebbah b'xi periclu, li ma chienx jeżisti, u fil harba bedgħu jakgħu fuk xulxin u jitgħaffġu.

Fl'*Olanda*, trên hareġ mil linja: mietu hamsa u tnax bakgħu feruti—fost il mejjtin insab bin l'Eūūel Ministru Vander Linder.

F' *Torri Annunzjata*, hdejn Napli, ġrat esplużjoni f'lôc fejn chienu jahdmu il porvli u mietu tmienja.

L.M.C.G.

CHIF?....

Ūiehed li għadda ġuri, malli taūh is-sentenza għall għomru, bida tant igħajjat u iūerżak, li għamel storbju shih geūūa il Korti u in-nies tal Pulizija ma setgħu bl'ebda môd icarcruh barra mis-sala.

—Tibżgħu xejn, kalilhom il President b'sahna li ma bhalha: erġgħu resskuh kuddiemi: u ta din il frattarija collha inūahhlu sentejn ohra!

Itolbu għall mistrieh tar-ruh għażiża ta
GHEJTANU CINI

li ūara hajja ta 23 sena, mgħoddija fl'imhabba t'Alla u tal proxxmu, u li għat-tieba tiegħu chien mahbub minn cullhadd, ūara marda kalila u l'ictar tūila, li sofra bl'icbar sabar ta veru nisrani, halla din l'art ta cull imrar fil 21 ta Dicembru 1913.

ĠANNI SAPIANO-LANZON.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

XARADA.

1. Ittra maltija.
2. Lehen tas-smih.

1. 2. Għodda li biha tbahhar—mar-rih.

Il *Feles* chien:

*Lagħc*—LEMBUT—*a*.

Ma giebu hadd hlief ir-Rev. Patri Dumincu Gosparino, M.C.